MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 1066/1999/1

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Stefan u Marvic konjugi Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess socjeta attrici s-somma komplessiva ta' erba mija u sebghejn lira (Lm470) in kwantu ghas-somma ta' erba mija seba u hamsin (Lm457) import ta' hdax il-kambjala annessi u markati mal-avviz Dokumenti 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11 u li d-data tal-maturita taghhom skadiet, u in kwnatu ghas-somma ta' tlettax-il lira (Lm13) imghaxijiet legali dovuti sad-data tal-avviz fuq dan l-ammont.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijet ulterjuri mid-data tal-avviz sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll il-kamjalijiet in kwistjoni annessi u esebiti mal-istess avviz.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-atti ta' din il-kawza jirrisulta s-segwenti:-

a) Fis-seduta tad-29 ta' Novembru1999 (fol 15 tal-atti) kienu dehru z-zewg konvenuti "…. U informaw lill-Qorti li ma baqghux ihallsu minhabba mard".
b) Matul dawn il-proceduri, l-istess konvenuti komplew ihallsu l-ammont dovut kif risultanti a fol 16 u fol 17, a fol 18 u fol 19, fol 21 u fol 22 tal-atti). Eventwalment, kif xehed <u>Luciano Martinelli</u> (a fol 45 ibid) l-ammont mitlub fl-avviz thallas kollu waqt li l-istess xhud sostna "…. Kull ma fadal jithallas mill-konvenuti (huma) l-ispejjes ta' dawn il-proceduri".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dwar dak li ghadu kemm inghad il-konvenuti jikkontendu illi l-ispejjes ta' din il-procedura di gja thallsu minnhom (ara fol 18, 21, 36, 46 u 47 tal-atti). Dwar din is-sottomissjoni li saret biss <u>verbalment</u> izda li ghandu tigi kunsiderata bhala kontestazzjoni ghal kull effett u fini fil-ligi, <u>Luciano Martinelli</u> (fol 23 ibid) xehed li, in rigward l-ispejjes ta' dawn il-proceduri, li "dan ghadu ma thallasx mill-konvenuti, avolja gie imdahhal fl-'invoice' relattiv'. Difatti jidher li l-kont tal-ammont dovut mill-konvenut kien gie addebitat bl-ammont ta' Lm110.19 u dan fid-9 ta' Lulju 1999 (ara fol 25 ibid). Sussegwentement kif jidher a fol 37 ibid, il-konvenuta, wara li iddikjarat li hallset 'l-ahhar ammont dovut cjoe Lm83' kienet wriet lill-Qorti 'statement' mibghut lill-konvenuti 'sa Gunju li ghadda' cjoe tal-2001 minn fejn kien jirrisulta li kien ghad fadal bilanc dovut minnhom ta' <u>Lm84.19,0</u> "…. li aktarx hu l-kont tal-ispejjes ta' dawn il-proceduri allegatament gja mhallas "Sussegwentement waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju 2002

(fol 38 ibid) il-Qorti giet murija ‘statement’ min fejn kien jidher li l-ammont ta’ Lm83 kien thallas mill-konvenuta fl-14 ta’ Gunju 2001. Inoltre minn ’statement’ muri lill-Qorti mill-konvenuti kien jdiher li s-socjeta attrici kienet addebitat il-kont tal-konvenuti ‘bl-ispejjes tal-kawz ammontanti ghal Lm110.00,0 (ara ukoll fol 25 minn fejn jidher li fid-9 ta’ Lulju 1999 dan l-ammont effettivament kien gie mizjud mal-ammont dovut u kif pretiz fl-avviz). Dan li ghadu kemm intqal jirrisulta, b’mod car mill-‘statement’ esebit mill-istess socjeta attrici a fol 46. B’mod aktar dettaljat, hemm muri a fol 47 tal-atti illi l-ammont ta’Lm110.19,0, addebitat fil-kont tal-konvenuti kien allegatament dovut kwantu ghal Lm43.10,0 bhala ‘F’Court Registry Fess’ u kwantu ghal Lm54.09,0 bhala ‘F/Lawyers fees’ b’kollox Lm97.19,0 waqt li s-somma ta’ Lm13.00,0 kienet dovuta ‘qua’ imghax kummercjali.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-premess jidher li l-ammont pretiz fl-avviz kien gie mhallas mill-konvenuti fil-mori ta’ din il-kawza. Pero mill-premess jista’ jidher ukoll illi l-kont tal-konvenuti kien gie intempestivament u minghajr jedd addebitat da parti tas-socjeta attrici bl-ispejjes gudizzjarji kif hemm fuq spjegat liema ammont ghadu hemm inkluz u jidher li hu Lm97.19,0 kif gie spjegat di gja. Id-dokumenti esebiti, fil-fatt, juru li l-konvenuti fadal li jhallsu Lm84.19,0 li jindika li dawn di gja hallsu Lm13 in rigward l-istess spejjes.

Illi, hu minnu ukoll li ma hemmx taxxa ufficjali tal-ispejjes relattivi ghal dan il-kaz, liema fatt jidher mill-istess atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, waqt li kkonsiderat dak kollu li gie premess, il-Qorti tara li jkunu opportuni u ekwu li f’dawn il-kaz, l-ammont ta’ spejjes li ghandhom jithallsu mill-konvenuti lis-socjeta attrici jigi limitatata ghas-somma ta’ <u>Lm84.19</u>, gja msemmija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ultejruri tal-meritu ta’ dan il-kaz, f’dak li

jirrigwarda is-sorte u imghaxijiet, qed tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm84.19,0 dovut minnhom bhala bilanc mill-spejjes relattivi ghad dan il-kaz u dan bl-imghax legali mid-data ta’ din is-sentenza sa dik tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------